Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

**Brussell, 21 ta' Ġunju 2018**
**(OR. en)**

**10134/18**

**SOC 411**
**EMPL 334**
**DIGIT 136**

**EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI**

| | |
|---|---|
| minn: | Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill |
| fi: | 21 ta' Ġunju 2018 |
| lil: | Delegazzjonijiet |
| Nru. dok. preċ.: | 10057/18 |
| Suġġett: | Futur tax-Xogħol: Approċċ ibbażat fuq iċ-Ċiklu tal-Ħajja - Konklużjonijiet tal-Kunsill (21 ta' Ġunju 2018) |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż fl-anness il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: Approċċ ibbażat fuq iċ-Ċiklu tal-Ħajja, adottati mill-Kunsill EPSCO fil-21 ta' Ġunju 2018.

**Il-Futur tax-Xogħol: Approċċ ibbażat fuq iċ-Ċiklu tal-Ħajja**

**- Konklużjonijiet tal-Kunsill**

**BILLI**

1. L-iżvilupp teknoloġiku dinamiku, il-globalizzazzjoni u t-tibdil demografiku, kollha fuq skala mingħajr preċedent, qed isawru mill-ġdid b'mod profond u irreversibbli ħafna aspetti tal-organizzazzjoni tas-soċjetà fis-seklu 21, inkluż fid-dinja tax-xogħol. Din it-trasformazzjoni hija prinċipalment xprunata mill-awtomatizzazzjoni u d-diġitalizzazzjoni, aċċelerata miż-żieda rapida tal-intelliġenza artifiċjali (IA). Hija tinvolvi, fl-Ewropa, domanda dejjem tikber għal ħaddiema kwalifikati f'ċerti setturi ewlenin, li ta' spiss hija marbuta min-naħa tagħha ma' sett ta' sfidi soċjali li jinkludu s-soċjetà li qed tixjieħ, inugwaljanza persistenti bejn is-sessi u stereotipi tas-sessi b'rabta max-xogħol.

2. It-trasformazzjoni li għaddejja tippreżenta kemm opportunitajiet kif ukoll sfidi. Minn naħa waħda, tista' tkun il-mutur għall-innovazzjoni, it-tkabbir ekonomiku u l-ħolqien ta' impjiegi ġodda ta' kwalità, u tista' żżid il-produttività tax-xogħol, il-protezzjoni tal-ħaddiema u l-ħin liberu, u b'hekk tikkontribwixxi wkoll għar-rikonċiljazzjoni bejn ix-xogħol u l-ħajja privata. Tista' tikkontribwixxi wkoll għal titjib fil-benesseri ġenerali taċ-ċittadini kif ukoll toffri opportunitajiet ġodda lil persuni minn gruppi vulnerabbli, inkluż persuni b'diżabbiltà. Teknoloġiji ġodda jistgħu jiffaċilitaw ukoll impenn ċiviku attiv. Min-naħa l-oħra, it-trasformazzjoni li għaddejja tista' tikkawża wkoll li ċerti impjiegi jinbidlu b'mod sinifikanti jew jisparixxu, u b'hekk li jiżdied il-qgħad strutturali fost ċerti kategoriji ta' ħaddiema, jinħolqu inugwaljanzi ġodda u jkun hemm polarizzazzjoni tas-suq tax-xogħol minħabba t-telf ta' impjiegi ta' livell intermedju b'mod partikolari.

3. Il-partijiet ikkonċernati, inkluż il-gvernijiet, min iħaddem, il-ħaddiema, is-sħab soċjali u s-soċjetà ċivili, għandhom ikollhom fehim profond tal-proċessi trasformattivi li qed iseħħu sabiex ikunu jistgħu jirreaġixxu għalihom u jsawruhom u biex ikunu promossi l-inklużività u l-ekwità fis-suq tax-xogħol.

4. Approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-proċess attwali ta' bidla jippermetti l-iżvilupp ta' politiki integrati u inklużivi bbażati fuq il-potenzjal speċifiku ta' kull persuna. Elementi ewlenin fil-kuntest tal-edukazzjoni, it-taħriġ, l-impjiegi u l-politiki soċjali jinkludu d-dimensjoni tal-ġeneru; bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; protezzjoni soċjali; kundizzjonijiet tax-xogħol deċenti u sikuri u, inkluż is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol u l-ħin tax-xogħol; il-ħiliet u t-tagħlim tul il-ħajja; l-iżvilupp tal-karriera; xjuħija attiva; u appoġġ permezz ta' tranżizzjonijiet, inkluż permezz ta' politiki dwar ir-ritorn għax-xogħol.

5. Politiki u servizzi dwar l-edukazzjoni u l-iżvilupp fit-tfulija bikrija meqjusa bħala parti minn approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja huma fost l-għodda l-aktar importanti għall-iżvilupp tal-għarfien prattiku, il-ħiliet u l-kapaċitajiet fiżiċi minn età bikrija, inkluż il-ħiliet konjittivi, soċjali u emozzjonali fundamentali meħtieġa għas-suċċess f'ambjenti li jinbidlu malajr.

6. F'dan iż-żmien ta' bidla, l-iżvilupp ta' ekosistemi tal-ekonomija soċjali fl-Ewropa jista' joffri bażi tajba għat-titjib tal-impjegabbiltà u l-adattabbiltà attwali u futura tal-forza tax-xogħol inkluż ta' persuni minn gruppi vulnerabbli. Id-diġitalizzazzjoni u t-teknoloġiji l-ġodda jistgħu jipprovdu wkoll strumenti għall-ħolqien ta' mudelli ta' negozju ġodda msejsa fuq valuri bħalma huma l-ekwità, l-inklużività u s-solidarjetà. Beni diġitali komuni, pereżempju software b'sors miftuħ, żviluppat u użat b'mod mifrux minn atturi tal-ekonomija soċjali, jista' jkollu rwol importanti fil-promozzjoni tal-użu ekwitabbli ta' riżorsi u teknoloġija informatiċi. Il-valuri tal-ekonomija soċjali jistgħu jgħinu wkoll biex l-iżvilupp tal-beni diġitali komuni jitmexxa f'direzzjoni ta' benefiċċju.

7. Il-futur tax-xogħol huwa prijorità għolja fuq l-aġenda globali. Pereżempju, l-Organizzazzjoni Internazzjonali tax-Xogħol ikkontribwixxiet għad-diskussjoni li għaddejja bl-Inizjattiva tagħha ta' Għeluq il-Mitt Sena dwar il-Ġejjieni tax-Xogħol, segwita mill-istabbiliment tal-Kummissjoni ta' Livell Għoli Globali li ser tippubblika rapport orjentat lejn l-azzjoni fil-bidu tal-2019.

8. Fil-livell Ewropew, il-Kummissjoni Ewropea, l-Istati Membri u l-Parlament Ewropew qed jindirizzaw b'mod attiv l-iżviluppi li għaddejjin. Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali pproklamat fl-2017 għandu l-għan li jservi bħala gwida lejn eżiti effiċjenti ta' impjiegi u dawk soċjali meta jkun hemm rispons għall-isfidi attwali u futuri. L-inizjattivi speċifiċi tal-Kummissjoni Ewropea jinkludu "Aġenda għall-Ħiliet għall-Ewropa", inkluż ir-Rakkomandazzjoni dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, il-pakkett dwar "L-Immodernizzar tal-Edukazzjoni u l-Investiment fiż-Żgħażagħ", u l-"Aġenda Diġitali għall-2020", kif ukoll Komunikazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa. F'Diċembru 2017, il-Kunsill adotta Konklużjonijiet dwar il-Futur tax-Xogħol: Tiġi ffaċilitata d-diġitalizzazzjoni (e-Easy). F'Marzu 2018, konferenza ta' livell għoli dwar il-Futur tax-Xogħol: Approċċ ibbażat fuq iċ-Ċiklu tal-Ħajja saret f'Sofija, organizzata b'mod konġunt mill-Presidenza Bulgara u l-Kummissjoni. Il-futur tax-xogħol ġie diskuss ukoll fil-Kumitat tal-Impjiegi (EMCO) u l-Kumitat tal-Protezzjoni Soċjali (SPC). Il-Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew (KESE) adotta opinjoni esploratorja dwar il-Futur tax-Xogħol/Ħiliet mitluba mill-Presidenza Bulgara. Is-sħab soċjali Ewropej esprimew ukoll il-fehmiet tagħhom, inkluż fil-kuntest tas-Summit Soċjali Tripartitiku regolari.

**TRANŻIZZJONIJIET, SUQ TAX-XOGĦOL U IMPJIEGI**

9. It-trasferiment ta' kompiti minn nies għal magni qed jaċċelera, b'konsegwenza li qed jaffettwa b'mod profond is-suq tax-xogħol peress li għadd dejjem akbar ta' kompiti jista' potenzjalment jiġi awtomatizzat. L-impatt jinqasam fi tnejn: domanda miżjuda għal ħaddiema ta' ħila kbira u ħaddiema oħra bil-ħiliet meħtieġa, flimkien ma tnaqqis prevedibbli f'opportunitajiet tax-xogħol għal ħaddiema li ma għandhomx il-ħiliet rilevanti. Dawk li jfasslu l-politika jridu jidentifikaw is-setturi fejn l-impjiegi huma f'riskju minħabba l-awtomazzjoni u d-diġitalizzazzjoni kif ukoll dawk l-oqsma u okkupazzjonijiet fejn ser jinħolqu aktar impjiegi. L-impatt fuq l-impjiegi li ser jinbidlu iżda mhux ser jisparixxu kif ukoll l-impatt reġjonali tal-bidliet li għaddejjin jeħtieġu attenzjoni ulterjuri.

10. It-tqassir taċ-ċiklu ta' innovazzjoni jsaħħaħ l-importanza ta' mekkaniżmi ta' previżjoni tas-suq tax-xogħol ibbażati fuq informazzjoni dwar tendenzi futuri fil-provvista u d-domanda tax-xogħol. Tali previżjonijiet ser jirfdu politiki biex jakkumpanjaw u jappoġġaw ħaddiema matul it-tibdil tal-karriera u t-tranżizzjonijiet fis-suq tax-xogħol li kull ma jmur qed isiru aktar frekwenti. F'dan il-kuntest, huwa importanti li jiġu mfassla politiki ta' attivazzjoni komprensivi li għandhom l-għan li jħeġġu lil min qed ifittex xogħol biex ifittex impjieg b'mod attiv, itejjeb l-impjegabilità tiegħu u jespandi l-opportunitajiet tiegħu biex jaċċessa, jibqa' u javvanza fis-suq tax-xogħol. Tali politiki ta' attivazzjoni jistgħu jiffaċilitaw ukoll l-integrazzjoni ta' ċittadini ta' pajjiżi terzi li jkunu għadhom kif waslu u li jirrisjedu legalment waqt li jkunu rispettati kompetenzi nazzjonali minquxa fit-Trattati u bidliet fl-ekonomija.

11. Ir-rwol tas-servizzi tal-impjieg bħala intermedjarju u faċilitatur qed jevolvi wkoll u, skont iċ-ċirkostanzi nazzjonali, jinvolvi dejjem aktar ħidma bi sħab man-negozji u atturi rilevanti oħra, inkluż meta jingħataw servizzi prinċipali bħal konsulenza professjonali, gwida dwar il-karriera, taħriġ mill-ġdid, il-validazzjoni ta' ħiliet u l-organizzazzjoni ta' taħriġ, inkluż appoġġ immirat, apprendistati u traineeships. L-użu ta' pjattaformi diġitali u għodod online flimkien ma' metodi tradizzjonali jipprovdi opportunitajiet ġodda għas-servizzi tal-impjiegi biex jintlaħqu l-isfidi tal-lum li għandhom jiġu esplorati aktar, pereżempju, fil-kuntest ta' ħidma ta' kuntatt ma' persuni inattivi u tal-valutazzjoni tal-effettività tal-politiki attivi dwar is-suq tax-xogħol. Kooperazzjoni eqreb bejn is-servizzi tal-impjiegi u tan-negozju hija meħtieġa sabiex tħaddan bis-sħiħ l-opportunitajiet emerġenti.

12. Matul id-deċennji li ġejjin, is-sehem tal-popolazzjoni attiva hija mistennija li tonqos b'mod sinifikanti f'ħafna pajjiżi Ewropej. It-tixjiħ tal-popolazzjoni x'aktarx ser iwassal għal riallokazzjonijiet importanti ta' xogħol u riżorsi oħra madwar setturi u okkupazzjonijiet, parzjalment minħabba l-bidliet fil-ħtiġijiet tal-konsumaturi minn oġġetti li jservu fit-tul lejn is-servizzi. Jeħtieġ li l-mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali tal-forza tax-xogħol tiffunzjona tajjeb li jfisser ukoll li jkun hemm bilanċ soċjali, ekonomiku u reġjonali.

13. Fl-era tad-diġitalizzazzjoni, it-teknoloġiji tal-informazzjoni u l-komunikazzjoni (ICT) joffru sors importanti ta' impjiegi ġodda prinċipalment ta' kwalità għolja u li jħallsu sew fuq is-suq tax-xogħol tal-UE. Madankollu, is-settur tal-ICT isofri minn nuqqas persistenti ta' ħaddiema mħarrġa u segregazzjoni tas-sessi għoli. Dan l-iżbilanċ bejn is-sessi huwa marbut ma' stereotipi kulturali u l-perċezzjoni li s-suġġetti tax-Xjenza, it-teknoloġija, l-inġinerija u l-matematika (STEM) u l-karrieri fl-ICT huma riżervati għall-irġiel. Huwa importanti li jiġi żgurat li n-nisa jkunu jistgħu japprofittaw mill-opportunitajiet f'dan il-qasam. Is-sistema tal-edukazzjoni u t-taħriġ kif ukoll is-servizzi ta' gwida dwar il-karriera għandhom għalhekk jipprevjenu u jiġġieldu sistematikament kontra l-isterjotipi u d-diskriminazzjoni u jinkoraġġixxu kemm in-nisa kif ukoll l-irġiel biex jagħmlu għażliet mhux sterjotipiċi. Biex jimtela n-nuqqas ta' ħiliet fl-ICT madwar l-okkupazzjonijiet u s-setturi kollha, jenħtieġu kemm nisa kif ukoll irġiel. L-involviment ta' aktar nisa fl-ICT għandu jsaħħaħ l-innovazzjoni diġitali fl-oqsma kollha, inkluż is-settur tal-edukazzjoni, is-saħħa u l-benesseri (EHW). Barra minn hekk, it-taħriġ vokazzjonali għandu jenfasizza l-ħtieġa li jiżdied il-litteriżmu diġitali tal-ħaddiema matul iċ-ċiklu tal-ħajja, b'enfasi partikolari fuq ħaddiema adulti li jkollhom livelli aktar baxxi ta' ħiliet diġitali.

14. L-adattament tas-soċjetajiet, il-kumpanniji u l-individwi għal żviluppi diġitali għandu jqis ukoll is-sitwazzjoni speċifika ta' gruppi u individwi żvantaġġati, kif ukoll dawk li qed jiffaċċjaw riskju ogħla ta' esklużjoni soċjali, b'mod partikolari n-NEETs,[1] ħaddiema aktar avvanzati fl-età, ċittadini ta' pajjiżi terzi legalment residenti u persuni b'diżabilitajiet. Huwa partikolarment importanti li jiġi promoss il-litteriżmu diġitali u li jiġi ffaċilitat l-aġġornament regolari ta' ħiliet diġitali bażiċi. Implimentazzjoni attiva ulterjuri tar-Rakkomandazzjoni dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet u r-Rakkomandazzjoni dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja jistgħu jipprovdu opportunitajiet ġodda għat-tisħiħ ta' ħiliet diġitali bażiċi.

---

[1] Żgħażagħ barra mill-impjieg, edukazzjoni jew taħriġ.

**ĦILIET, EDUKAZZJONI U TAĦRIĠ**

15. Id-domanda dejjem akbar għal ħiliet ġodda jew speċifiċi qed issawwar mill-ġdid il-profil meħtieġ ta' ħaddiema f'ħafna oqsma. Il-kompetenzi diġitali huma essenzjali għat-titjib tal-impjegabbiltà ta' dak li jkun u biex jagħmel użu sħiħ mill-forom moderni ta' tagħlim, ikun mobbli fis-suq tax-xogħol u jadatta ruħu malajr għall-bidliet. Huwa importanti li jiġi żgurat li l-bidla teknoloġika u s-soluzzjonijiet tekniċi applikati f'servizzi diġitalizzati ma jħallu lil ħadd lura. Id-domanda qed tikber ukoll għal ħiliet soċjali u konjittivi bħal komunikazzjoni, negozjar, intelliġenza soċjali, ħsieb kreattiv, teħid tad-deċiżjonijiet u s-soluzzjoni tal-problemi. Dawn il-ħiliet huma mirfuda minn benesseri mentali, li huwa meħtieġ sabiex l-individwi jkunu jistgħu jiżviluppaw il-potenzjal tagħhom u jaħdmu b'mod produttiv u kreattiv. In-nies ser jeħtieġu wkoll ħiliet intraprenditorjali, inkluż li jkunu innovattivi, li jkunu jafu kif jidentifikaw opportunitajiet u jieħdu inizjattivi. Kombinazzjonijiet atipiċi ta' ħiliet ser ikunu neċessarji wkoll fi tweġiba għal żviluppi ġodda, bħad-dimensjoni etika tar-robotizzazzjoni.

16. Il-bidla teknoloġika li għaddejja tfisser li ħafna mit-tfal tal-lum ser jidħlu f'impjiegi li attwalment ma jeżistux. Għalhekk l-istudenti jeħtieġu gwida dwar l-opportunitajiet ta' xogħol eżistenti u li qed jiżviluppaw sabiex ikollhom għajnuna biex jagħmlu deċiżjonijiet infurmati relatati mal-istudji u l-karrieri futuri tagħhom.

17. Sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ jeħtieġu wkoll li jiġu adattati, sabiex iżidu l-possibiltajiet taċ-ċittadini li jiksbu u jaġġornaw, tul ħajjithom, il-kompetenzi prinċipali meħtieġa, inkluż ħiliet diġitali, lingwi, xjenza, il-kapaċità ta' tagħlim, ħiliet intraprenditorjali u mentalità innovattiva.

18. Kollaborazzjoni bejn il-partijiet ikkonċernati kollha hija kruċjali għall-ġestjoni b'suċċess tar-rekwiżiti tax-xogħol fil-ġejjieni. Is-sħab soċjali--fuq kollox, min jimpjega--għandhom rwol kruċjali f'dan il-proċess, filwaqt li jgħinu jżommu l-adattabbiltà tal-forza tax-xogħol u jikkontribwixxu għat-titjib tal-kwalità tal-edukazzjoni u t-taħriġ. Min jimpjega jrid ikun involut b'mod attiv fl-iżvilupp tal-potenzjal tal-ħaddiema tiegħu tul il-ħajja tax-xogħol tagħhom billi jipprovdi ambjent li jiffaċilita l-iżvilupp kontinwu ta' taħriġ u ħiliet, żvilupp li jista' jkun formali, mhux formali jew informali.

**FOROM ĠODDA TA' XOGĦOL U TA' KUNDIZZJONIJIET TA' XOGĦOL**

19. Huwa neċessarju li tiġi żgurata distribuzzjoni ġusta tal-benefiċċji ta' forom ġodda ta' xogħol madwar is-soċjetà kollha permezz ta' politiki fiskali, soċjali u dwar il-formazzjoni tal-pagi xierqa.

20. Ħafna mudelli ta' impjiegi emerġenti jippermettu flessibbiltà miżjuda fl-organizzazzjoni tax-xogħol, u jiddeterminaw ukoll meta, kemm u fejn wieħed jaħdem. L-ICT, li witta t-triq għal dawn il-bidliet, jista' wkoll jiffaċilita u jkun ta' benefiċċju għall-bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata; madankollu, il-possibbiltà li wieħed jaħdem fi kwalunkwe post u fi kwalunkwe ħin tista' tipperikola wkoll dan il-bilanċ.

21. Fejn neċessarju, għandhom jittieħdu miżuri li jiżguraw xogħol deċenti għal persuni f'relazzjonijiet ta' impjiegi mhux standard, inkluż billi jiġi adattat il-qafas leġislattiv nazzjonali. Protezzjoni soċjali adegwata u sostenibbli għal tali ħaddiema permezz ta' aċċess għal sistemi ta' sigurtà soċjali jenħtieġ li tkun żgurata fejn neċessarju u politiki dwar il-protezzjoni soċjali jenħtieġ li jkunu bbilanċjati ma' politiki immirati lejn li nagħmlu x-xogħol irodd. Barra minn hekk, huwa importanti li wieħed jipprova jiżgura li persuni f'relazzjonijiet ta' impjieg mhux standard ikunu rappreżentati f'djalogu soċjali u jistgħu jibbenefikaw minn negozjati kollettivi.

22. F'termini ta' kwalità ta' impjieg, waħda mill-isfidi ewlenin għall-futur hija kif jista' jiġi żgurat li kundizzjonijiet ġenerali tax-xogħol ikomplu jitjiebu. It-tipi kollha ta' impjieg għandhom jirrispettaw il-leġislazzjoni applikabbli dwar l-ambjent tax-xogħol (inkluż is-saħħa u s-sikurezza fuq il-post tax-xogħol), b'kont meħud tal-intensità tax-xogħol; dwar it-tul u t-tqassim tal-ħin tax-xogħol (filwaqt li tippermetti bilanċ bejn ix-xogħol u l-ħajja privata); dwar nondiskriminazzjoni f'termini ta' prospetti ta' karriera; u dwar opportunitajiet għall-akkwist u t-tisħiħ ta' ħiliet u kwalifiki.

23. Regoli attwali dwar ir-relazzjonijiet ta' impjieg u mudelli tas-sigurtà soċjali eżistenti jistgħu, fejn meħtieġ, jittejbu aktar sabiex ikopru forom emerġenti ta' xogħol. L-isfida hija li jkun żgurat li swieq tax-xogħol innovattivi dinamiċi, kruċjali għall-kompetittività tal-UE, ikunu regolati b'mod li jiżgura livell adegwat u proporzjonat ta' protezzjoni għall-ħaddiema kollha kif ukoll produttività għolja, biex b'hekk jingħata kontribut lit-titjib tal-kundizzjonijiet ta' għajxien u xogħol madwar l-UE kollha.

24. Dan is-sett ta' Konklużjonijiet jibni fuq ħidma preċedenti u impenji politiċi espressi mill-Kunsill, il-Parlament Ewropew, il-Kummissjoni u partijiet ikkonċernati rilevanti oħra f'dan il-qasam, inkluż id-dokumenti elenkati fl-Anness I.

**IL-KUNSILL TAL-UNJONI EWROPEA**

**JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI, f'konformità mal-kompetenzi tagħhom, u b'kont meħud taċ-ċirkustanzi nazzjonali, waqt li jkunu rispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali**:

25. biex jaġġornaw b'mod kontinwu u fejn rilevanti jiżviluppaw strateġiji nazzjonali komprensivi li jindirizzaw id-dinja tax-xogħol li qed tinbidel u joffru approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja, filwaqt li jindirizzaw l-isfidi li jħabbtu wiċċhom magħhom iċ-ċittadini fl-istadji differenti tal-ħajja tax-xogħol tagħhom, u jħeġġu l-iżvilupp ta' għodod biex dawn l-istrateġiji jiġu implimentati aħjar.

26. biex jiżviluppaw aktar l-għodod ta' tbassir għas-suq tax-xogħol, b'kont meħud tal-proċessi ta' diġitalizzazzjoni u awtomatizzazzjoni, sabiex jantiċipaw xejriet u jiggwidaw il-politiki dwar l-edukazzjoni, it-taħriġ u l-impjiegi bl-għan li l-forza tax-xogħol tiġi adattata b'mod kostanti għall-bidliet fis-suq tax-xogħol, fejn neċessarju bl-involviment tas-CEDEFOP u l-EUROFOUND.

27. biex jippromwovu l-iżvilupp ta' għarfien, ħiliet u kompetenzi prattiċi rilevanti minn età bikrija matul il-ħajja tax-xogħol, inkluż ħiliet diġitali, konjittivi, emozzjonali u intraprenditorjali, kif ukoll il-benesseri mentali, li huma kruċjali għall-integrazzjoni fis-suq tax-xogħol, għal produttività ogħla, tagħlim tul il-ħajja u għal kisba ta' tranżizzjonijiet b'suċċess mill-edukazzjoni għas-suq tax-xogħol u bejn l-impjiegi.

28. biex isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri, inkluż bil-ħsieb li jaġġustaw is-sistemi ta' edukazzjoni u taħriġ tagħhom skont l-evoluzzjoni tas-suq tax-xogħol, inkluż billi jiżguraw adattabbiltà u kreattività, u billi jappoġġaw tagħlim tul il-ħajja għal kulħadd.

29. biex jiżviluppaw u jipprovdu forom aktar flessibbli u aċċessibbli ta' tagħlim, inkluż tagħlim ibbażat fuq ix-xogħol, taħriġ fuq il-post tax-xogħol, metodi innovattivi ta' tagħlim, taħriġ mhux formali u tagħlim awtonomu u l-użu ta' għodda ta' tagħlim online. Dan għandu jiffaċilita aktar mobbiltà ġeografika u okkupazzjonali kif ukoll transizzjonijiet bejn impjiegi u bejn l-istatusijiet tas-suq tax-xogħol ta' impjiegi, qgħad u inattività ekonomika matul il-ħajja kollha tax-xogħol tal-ħaddiema.

30. biex jappoġġaw l-użu mis-servizzi pubbliċi tal-impjieg u, fejn rilevanti, mis-servizzi privati tal-impjieg, ta' għodod diġitali biex itejbu t-tlaqqigħ tal-provvista ta' ħaddiema u tad-domanda għall-ħaddiema, waqt li jirrispettaw ir-regoli applikabbli dwar il-protezzjoni tad-data. Dan għandu jippermetti t-titjib ta' approċċi mfasslin apposta għall-attivazzjoni u l-motivazzjoni, l-appoġġ fit-tfittix ta' impjieg u l-inklużjoni fit-taħriġ, b'kont meħud tal-karatteristiċi u l-ħtiġijiet speċifiċi ta' kull persuna, kif ukoll ix-xejriet tas-suq tax-xogħol attwali u futur.

31. biex jevalwaw politiki li jgħinu lill-ħaddiema jieħdu vantaġġ ta' arranġamenti ta' xogħol mobbli flessibbli, biex jippromwovu rispett għal bilanċ san bejn ix-xogħol u l-ħajja u biex jippromwovu d-dritt tal-ħaddiema li "jiskonnettjaw" diġitalment mix-xogħol barra mill-ħinijiet tax-xogħol.

32. biex jippromwovu l-aċċessibbiltà fid-dinja diġitali tax-xogħol u jappoġġaw għodod u teknoloġiji li jistgħu jtejbu l-impjegabbiltà ta' persuni b'diżabbiltà.

33. ikomplu jimplimentaw ir-Rakkomandazzjonijiet tal-Kunsill dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet, dwar Qafas ta' Kwalità għat-Traineeships, dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi u dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim Tul il-Ħajja.

**JISTIEDEN LILL-ISTATI MEMBRI U LILL-KUMMISSJONI EWROPEA, f'konformità mal-kompetenzi rispettivi tagħhom, u b'kont meħud taċ-ċirkustanzi nazzjonali, waqt li jkunu rispettati r-rwol u l-awtonomija tas-sħab soċjali**

34. biex jipprevjenu u jiġġieldu l-istereotipi tas-sessi, jnaqqsu s-segregazzjoni bejn is-sessi fis-suq tax-xogħol u jippromwovu l-parteċipazzjoni tan-nisa fis-settur tal-ICT, inkluż permezz ta' tqajjim ta' kuxjenza fost tfajliet u bniet kif ukoll il-ġenituri tagħhom, u permezz ta' kampanji edukattivi, kif ukoll biex jippromwovu l-iżvilupp ta' ħiliet diġitali bażiċi kemm għan-nisa kif ukoll għall-irġiel.

35. biex iqisu l-forom ġodda ta' impjiegi fil-politiki dwar l-impjiegi u s-sigurtà soċjali, u biex jippromwovu salvagwardji xierqa għal kategoriji differenti ta' ħaddiema.

36. biex jaħtfu l-opportunitajiet offruti mill-ekonomija soċjali inkluż l-intrapriżi soċjali bl-għan li joħolqu xogħlijiet sostenibbli u deċenti, itejbu l-ġustizzja soċjali għal kulħadd u jnaqqsu l-inugwaljanzi soċjali u reġjonali.

37. biex ikollhom skambji regolari mas-sħab soċjali Ewropej u nazzjonali fil-kuntest tad-djalogu tripartitiku dwar il-futur tax-xogħol u dwar miżuri biex is-swieq tax-xogħol Ewropej jiġu adattati għall-bidliet li jirriżultaw mid-diġitalizzazzjoni u l-awtomatizzazzjoni.

38. isaħħu l-kooperazzjoni bejn l-Istati Membri sabiex jiffaċilitaw it-tagħlim reċiproku u l-iskambju ta' prattiki tajbin dwar kwistjonijiet relatati mal-futur tax-xogħol.

39. biex jiżviluppaw u jissupplimentaw b'mod ulterjuri għodod għall-immappjar tal-iżviluppi prinċipali fl-Istati Membri relatati mal-ġejjieni ta-xogħol u l-iżviluppi relatati fis-swieq tax-xogħol globali, speċjalment sa fejn dawn jaffettwaw is-swieq tax-xogħol Ewropej.

40. jesploraw mezzi possibbli li bihom il-Qafas Finanzjarju Pluriennali li jmiss ikun jista' jappoġġa l-Istati Membri fl-isforzi tagħhom biex jaġġustaw għall-bidliet profondi li għaddejjin fis-suq tax-xogħol, inkluż il-ħtieġa dejjem akbar għal ħaddiema b'sengħa.

41. ikomplu l-isforzi tagħhom, b'kont meħud tal-prinċipji rilevanti stabbiliti fil-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali, biex jappoġġaw approċċ ibbażat fuq iċ-ċiklu tal-ħajja għall-organizzazzjoni tax-xogħol;

42. biex jippromwovu f'fora internazzjonali rilevanti, bħal ILO, G7, G20 u l-OECD, l-approċċ Ewropew għall-isfidi relatati mal-futur tax-xogħol.

43. biex jiffaċilitaw il-mobbiltà fil-livell tal-UE permezz ta' mekkaniżmi li jidentifikaw setturi li jeħtieġu ħiliet u billi jgħinu ħaddiema qiegħda biex jaħtfu opportunitajiet fis-suq tax-xogħol tal-UE, waqt li jqisu l-ħtieġa li jiġi żgurat bilanċ reġjonali.

**JAPPELLA LILL-EMCO U LILL-KPS**

44. biex isegwu mill-qrib l-impatt tar-robotizzazzjoni u l-awtomazzjoni fil-qasam tal-impjiegi u dak soċjali u jassistu lill-Kunsill fil-formulazzjoni ta' tweġibiet għal dawn l-iżviluppi, b'attenzjoni partikolari fuq l-opportunitajiet ta' impjiegi għall-ħaddiema fis-setturi l-aktar affettwati; u

45. biex ikomplu jagħmlu monitoraġġ tal-adegwatezza u s-sostenibbiltà tal-politika dwar il-protezzjoni soċjali fil-kuntest tal-bidliet demografiċi li għaddejjin fid-dinja tax-xogħol, bl-użu ta' strumenti eżistenti.

**Referenzi**

**1. UE Interistituzzjonali**

- Il-Pilastru Ewropew tad-Drittijiet Soċjali https://ec.europa.eu/commission/sites/beta-political/files/social-summit-european-pillar-social-rights-booklet_en.pdf

**2. Kunsill:**

- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Nimxu lejn swieq tax-xogħol aktar inklużivi adottati fid-9 ta' Marzu 2015 (7017/15).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Il-promozzjoni tal-ekonomija soċjali bħala mutur ewlieni ta' żvilupp ekonomiku u soċjali fl-Ewropa adottati fis-7 ta' Diċembru 2015 (15071/15).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill tal-15 ta' Ġunju 2017 dwar Lejn strateġiji biex nagħmlu x-xogħol irodd (9647/17).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar li Ntejbu l-Ħiliet tan-Nisa u l-Irġiel fis-Suq tax-Xogħol tal-UE (6889/17).
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar Miżuri msaħħa biex tonqos s-segregazzjoni orizzontali tas-sessi fl-edukazzjoni u l-impjiegi (15468/17)
- Konklużjonijiet tal-Kunsill dwar il-Futur tax-Xogħol: Tiġi ffaċilitata d-diġitalizzazzjoni (e-Easy) (15506/17)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar Qafas tal-Kwalità għat-Traineeships (ĠU C 88, 27.3.2014, p. 1-4.)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tad-19 ta' Diċembru 2016 dwar Perkorsi ta' Titjib tal-Ħiliet (ĠU C 484, 24.12.2016, p. 1-6.)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2018 dwar Qafas Ewropew għal Apprendistati ta' Kwalità u Effettivi (ĠU C 153, 2.5.2018, p. 1-6)
- Rakkomandazzjoni tal-Kunsill dwar il-Kompetenzi Ewlenin għat-Tagħlim tul il-Ħajja tat-22-23 ta' Mejju 2018 (8299/18).

3. **Kummissjoni Ewropea:**

- Opinion of the Advisory Committee on Equal Opportunities for Women and Men on how to overcome occupational segregation http://collections.internetmemory.org/haeu/20171122154227/http:/ec.europa.eu/justice/gender-equality/files/opinions_advisory_committee/151125_opinion_occ_segregation_en.pdf

- Komunikazzjoni dwar il-mexxejja li jmiss tal-Ewropa: l-Inizjattiva favur in-Negozji l-ġodda u n-Negozji li qed jespandu (COM(2016) 733 final)

- Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni "Rapport tal-2017 dwar l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel fl-Unjoni Ewropea" (SWD(2017) 108 final).

- Koalizzjoni għall-Ħiliet Diġitali u għall-Impjiegi https://ec.europa.eu/digital-single-market/en/news/european-commission-invites-organisations-attract-more-girls-and-women-digital

- Komunikazzjoni dwar Aġenda Ġdida għall-Ħiliet għall-Ewropa: naħdmu flimkien biex insaħħu l-kapital uman, l-impjegabbiltà u l-kompetittività (COM(2016) 381 final)

- Komunikazzjoni dwar l-Intelliġenza Artifiċjali għall-Ewropa (COM(2018) 237 final)

4. **Parlament Ewropew:**

- Riżoluzzjoni tal-Parlament Ewropew tat-28 ta' April 2016 dwar l-ugwaljanza bejn is-sessi u l-għoti ta' setgħa lin-nisa fl-era diġitali (P8_TA(2016)0204).

5. **Oħrajn**

- Kumitat Ekonomiku u Soċjali Ewropew, Opinjoni dwar Il-futur tax-xogħol – il-ksib ta' għarfien u ħiliet adegwati sabiex jiġu ssodisfati l-ħtiġijiet tal-impjiegi futuri [Opinjoni esploratorja mitluba mill-Presidenza Bulgara] (SOC 570)

- Nota ta' Riċerka tal-EIGE dwar "Women and men in ICT: a chance for better work-life balance" (2018)

- Rapport tal-OECD dwar "Fit Mind, Fit Job: From Evidence to Practice in Mental Health and Work" (Marzu 2015).

- Dokument tal-OECD dwar "Future of Work and Skills" - Ippreżentat fit-tieni Laqgħa tal-Grupp ta' Ħidma tal-G20 dwar l-Impjiegi (Frar 2017)

- Eurofound (2017), "Non-standard forms of employment: Recent trends and future prospects"